Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16218/26

CCG 37

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 626 final
Suġġett:	RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI tar-Rapporti Annwali tal-Attività dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 626 final.

Mehmuż: COM(2026) 626 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2026
COM(2026) 626 final

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti Annwali tal-Attività dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni:

Dan ir-rieżami annwali għas-sena 2025 dwar l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huwa prodott skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Dan ikopri attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati mwettqa mill-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni (ECAs) tal-Istati Membri u huwa bbażat fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fir-Rapporti Annwali tal-Attività li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, li jsir ukoll skont ir-Regolament. Ir-rapporti jsegwu mudell standardizzat (imsejjaħ ukoll "mudell tal-lista tal-kontroll") maqbul mal-Istati Membri li ġie rieżaminat u arrikkit maż-żmien. Il-mudell ta' bħalissa ilu jintuża mill-2023 u jinkludi dettalji addizzjonali, b'mod partikolari rieżami settur b'settur orjentat lejn il-klima tal-attivitajiet ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, kif ukoll rapportar finanzjarju iktar armonizzat.

2. Rapporti Annwali tal-Attività li waslu għas-sena kalendarja 2025:

Fl-2025 wieħed u għoxrin Stat Membru setgħu jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (''l-Arranġament''): l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja. Dawn kollha ssottomettew Rapport Annwali tal-Attività għas-sena 2025.

Il-bqija tal-Istati Membri — il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta — ikkonfermaw li ma għandhomx aġenzija li kapaċi tipprovdi krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati.

3. Analiżi tar-Rapporti Annwali tal-Attività:

(a) Informazzjoni ġenerali:

Fl-2025, l-Istati Membri kollha b'mill-inqas ECA waħda minbarra l-Greċja (li l-ECA tagħha ma tipprovdi l-ebda appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-Arranġament) ipprovdew kopertura pura, jiġifieri krediti għall-esportazzjoni fil-forma ta' garanziji u/jew prodotti tal-assigurazzjoni. Minnhom, tlettax-il Stat Membru (il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja) kienu wkoll fornituri ta' appoġġ ta' finanzjament uffiċjali, jiġifieri l-finanzjament dirett, il-finanzjament mill-ġdid ta' self kummerċjali għal tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni jew l-appoġġ għar-rata tal-imgħax. Għadd żgħir ta' Stati Membri (l-Awstrija, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja) jirrapportaw li huma fornituri ta' għajnuna marbuta, forma ta' krediti għall-esportazzjoni b'element konċessjonali, irregolata fil-kuntest tal-Arranġament tal-OECD.

L-Arranġament u t-tliet Rakkomandazzjonijiet tal-OECD dwar dixxiplini ta' governanza tajba[1] jiżguraw l-armonizzazzjoni tal-prattiki fis-sħubija kollha tal-OECD u fl-UE.

[1] Ir-Rakkomandazzjoni dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u Diliġenza Dovuta Soċjali; ir-Rakkomandazzjoni dwar Prattiki ta' Self Sostenibbli u Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati; ir-Rakkomandazzjoni dwar it-Tixħim u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati.

Madankollu, f'dan il-qafas, il-gvernijiet ifasslu l-politiki tagħhom stess. Il-biċċa l-kbira tal-ECAs għandhom regoli addizzjonali għal dawk fil-linji gwida tal-OECD, bħal dwar il-kontenut nazzjonali u lokali, u standards iktar b'saħħithom fis-seħħ, inkluż biex jirriflettu l-politiki nazzjonali tagħhom stess u l-impenji internazzjonali bħall-Prinċipji tal-Ekwatur (qafas ta' mmaniġġjar tar-riskju għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jidentifikaw, jivvalutaw u jimmaniġġjaw ir-riskji ambjentali u soċjali meta jiffinanzjaw proġetti b'rabta mal-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali taħt il-Grupp tal-Bank Dinji). Xi ECAs jagħżlu li joffru programmi mfassla apposta għal setturi partikolari jew għal objettivi partikolari. Dan jista' jirrifletti l-ispeċifiċitajiet ta' ftehimiet settorjali separati fl-Arranġament, strutturi ta' koassigurazzjoni jew orjentazzjonijiet strateġiċi.

L-istruttura organizzazzjonali tal-ECAs u l-governanza rigward l-forniment ta' appoġġ tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huma mmaniġġjati minn sebgħa u għoxrin korp madwar l-Istati Membri, li huma aġenziji pubbliċi jew inkella kumpaniji privati, li joperaw skont mandat pubbliku u taħt is-superviżjoni tal-gvern. Dawn huma elenkati fl-Anness I. L-Istati Membri li jipprovdu kemm kopertura kif ukoll finanzjament, normalment ikollhom istituzzjoni separata u dedikata biex tittratta ma' dan tal-aħħar. Fl-2025, iċ-Ċekja rrapportat bidla fis-sjieda tal-Bank Ċek tal-Esportazzjoni (CEB), effettiva minn Jannar 2026. Is-sjieda tal-bank issa hija kompletament f'idejn ir-Repubblika Ċeka permezz tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp tagħha.

(b) Volum ta' appoġġ uffiċjali:

Ir-Rapporti Annwali tal-Attività jipprovdu l-informazzjoni finanzjarja rilevanti dwar l-appoġġ uffiċjali pprovdut mill-ECAs, f'konformità mal-oqfsa leġiżlattivi nazzjonali u l-istruttura organizzazzjonali rispettivi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda osservazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tar-Rapporti Annwali tal-Attività tal-2025.

Għall-appoġġ uffiċjali fil-forma ta' kopertura pura, kif inhu definit fl-Artikolu 5.1 tal-Arranġament, it-tabella ta' hawn taħt telenka l-iskopertura aggregata għar-riskju nominali rrapportata mill-31 ta' Diċembru 2025 għall-ikbar fornituri fl-UE:

Tabella 1. Total tal-portafolli tal-UE u tal-Istati Membri ta' appoġġ uffiċjali fil-forma ta' kopertura pura fl-2025 (f'miljuni ta' EUR)
L-ikbar kontributuri tal-UE skont l-iskopertura aggregata għar-riskju nominali

Skopertura totali għall-kopertura pura fl-UE	*394 313,44*
L-Italja	103 985,1
Il-Ġermanja	96 600,6
Franza	81 734
L-Iżvezja	22 770
In-Netherlands	22 239

Għall-appoġġ ta' finanzjament uffiċjali, kif inhu definit fl-Artikolu 5.2 tal-Arranġament, it-tabella ta' hawn taħt telenka l-valur nominali rrapportat tal-portafoll ta' self uffiċjalment appoġġat mill-31 ta' Diċembru 2025 għall-ikbar fornituri fl-UE:

Tabella 2. Total tal-portafoll tal-UE u tal-Istati Membri ta' appoġġ uffiċjali fil-forma ta' appoġġ ta' finanzjament uffiċjali fl-2025 (f'miljuni ta' EUR)
L-ikbar kontributuri tal-UE skont il-valur nominali tal-portafoll ta' self uffiċjalment appoġġat

Total tal-portafoll ta' self fl-UE	*95 726,48*

L-Italja	44 565
Franza	16 245
Il-Ġermanja	13 019
Il-Finlandja	6 349
Spanja	5 835

Huwa utli li jiġi nnotat li l-kumulazzjoni taċ-ċifri fit-Tabelli 1 u 2 ma tagħtix stampa akkurata tal-valur totali tal-appoġġ ipprovdut għal tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni, peress li Stat Membru jista' jappoġġa l-istess tranżazzjoni tal-esportazzjoni kemm b'finanzjament dirett kif ukoll b'kopertura pura. Barra minn hekk, dawn it-tabelli jqisu biss il-prodotti finanzjarji fl-ambitu tal-Arranġament, u jeskludu mbagħad prodotti finanzjarji potenzjali oħra offruti mill-ECAs, pereżempju krediti għall-esportazzjoni fuq terminu qasir jew appoġġ uffiċjali għal tagħmir militari u esportazzjonijiet ta' komoditajiet agrikoli.

Sabiex tirrappreżenta l-fluss ta' appoġġ uffiċjali, it-tabella ta' hawn taħt tirreferi għall-valur tat-tranżazzjonijiet appoġġati b'impenji ġodda ta' kreditu għall-esportazzjoni, appoġġati skont l-Arranġament, matul is-sena kalendarja 2025, għall-ikbar fornituri fl-UE:

Tabella 3. Impenji ġodda mill-Istati Membri tal-UE nnotifikati lill-OECD matul l-2025 (f'miljuni ta' EUR)

L-ikbar kontributuri tal-UE tal-kreditu għall-esportazzjoni tal-OECD

	Għadd totali ta' tranżazzjonijiet ta' krediti għall-esportazzjoni	Total tal-valur tal-kreditu aggregat ta' proġetti appoġġati bi kreditu għall-esportazzjoni
Total ta' impenji ġodda nnotifikati fl-UE	*1 546*	*64 124,3*
Franza	163	28 637
L-Italja	437	15 685,6
Il-Ġermanja	190	4 600
Il-Finlandja	15	4 128,7
L-Iżvezja	277	2 820

(c) Kunsiderazzjoni tal-objettivi klimatiċi:

Fil-15 ta' Marzu 2022, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-krediti għall-esportazzjoni[2], iddeskrivew "patt tal-UE dwar il-klima għall-finanzjament tal-esportazzjoni", li kien jinkludi għadd ta' impenji. Fosthom, l-Istati Membri indikaw "ir-rieda tagħhom li jarrikkixxu r-rapportar annwali tagħhom" fil-kuntest ta' dan ir-Rieżami Annwali "b'rieżami orjentat lejn il-klima tal-attivitajiet rispettivi tagħhom ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, settur b'settur", li issa ilu jsir mill-2023. Element ieħor kien l-impenn, fl-istess sett ta' konklużjonijiet, li l-Istati Membri jiddeterminaw sa tmiem l-2023 fil-politiki nazzjonali tagħhom, "l-iskadenzi tagħhom stess ibbażati fuq ix-xjenza għat-tmiem tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils

[2] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2022 dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni

fossili, sakemm mhux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li huma konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1,5 °C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi".

Fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom, 16-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakka, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja) irrapportaw li kienu ppubblikaw tali politika. Il-bqija tal-Istati Membri ddikjaraw li ma għandhomx mandat, ma kellhom l-ebda politika speċifika dwar il-krediti għall-esportazzjoni jew inkella ma pprovdewx krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati.

Rigward is-settur tal-faħam, skont l-Arranġament, kwalunkwe appoġġ għal proġetti relatati ma' impjanti elettriċi tal-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa huwa pprojbit mill-2021, b'eċċezzjonijiet għal proġetti li jnaqqsu t-tniġġis jew jinstallaw sistemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, li la jwasslu għal estensjoni tat-tul tal-ħajja utli tal-impjant u lanqas għal żieda fil-kapaċità. Fil-politiki tagħhom relatati mal-klima, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri daħħlu fis-seħħ politika iktar stretta ta' eliminazzjoni gradwali tal-faħam mill-projbizzjoni tal-Arranġament, inkluż li ma jitħalla jsir l-ebda finanzjament tul il-katina tal-valur kollha. Fl-2025, l-ECAs ma rrapportaw l-ebda tranżazzjoni għal proġetti relatati mas-settur tal-enerġija mill-faħam (li jinkludi l-esplorazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin relatat mal-infrastruttura tad-distribuzzjoni, ir-raffinar, id-distribuzzjoni u l-ġenerazzjoni tal-enerġija).

Fir-rigward tas-settur taż-żejt, il-15-il Stat Membru stabbilew diversi skedi ta' żmien biex jintemm l-appoġġ. 10 impenjaw ruħhom li ma jibqgħux jappoġġaw dawn il-proġetti (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja). Il-bqija tal-Istati Membri żammew il-possibbiltà li jiffinanzjaw tali tranżazzjonijiet, b'data tat-tmiem bejn issa u l-2030. Madankollu, xi ECAs (il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja) żammew il-possibbiltà li jagħtu appoġġ f'ċirkostanzi limitati li huma konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1,5 °C u mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Fis-settur tal-gass, l-istess 10 Stati Membri ħadu impenji ċari biex jieqfu jiffinanzjaw proġetti tal-impjanti tal-enerġija u tal-katina tal-valur. B'mod simili għal fis-settur taż-żejt, xi ECAs (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja) żammew il-possibbiltà li jagħtu appoġġ f'ċirkostanzi limitati, għall-ġenerazzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet imnaqqsa, l-iżvilupp tal-ifqar pajjiżi jew fejn il-gass naturali huwa parti minn soluzzjoni tranżizzjonali, konsistenti ma' perkors ta' 1,5 C: xi wħud minnhom jispeċifikaw li l-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tal-pajjiż riċevitur ma għandux ikun kriterju, il-konsistenza mal-perkors ta' 1,5 °C tiġi vvalutata mill-ECA. Il-bqija tal-Istati Membri, għal fir-rigward taż-żejt, żammew il-possibbiltà li jiffinanzjaw tali tranżazzjonijiet, b'data tat-tmiem bejn issa u l-2030, għalkemm l-ebda wieħed minnhom ma nnotifika xi tranżazzjoni relatata mal-gass f'dawn is-setturi fl-2025.

Fil-prattika, fl-2025 erba' ECAs innotifikaw ħdax-il proġett appoġġati mill-kreditu għall-esportazzjoni fis-setturi taż-żejt u tal-gass, b'valur tal-kreditu totali ta' EUR 1 868,65 miljun:

Stat Membru fornitur	Valur tat-tranżazzjonijiet	Tip ta' proġett
L-Italja	EUR 1 238,1 miljun	Proġett tal-gass tal-ġenerazzjoni tal-enerġija

L-Italja	EUR 440 miljun	Proġett tal-gass upstream
Il-Ġermanja	EUR 164,25 miljun	Proġett tal-gass tal-ġenerazzjoni tal-enerġija
Il-Ġermanja	EUR 2,5 miljun	Proġett tal-enerġija miż-żejt downstream
In-Netherlands (erba' proġetti)	EUR 19,1 miljun	Proġett taż-żejt upstream
Franza (żewġ proġetti)	EUR 4 miljun	Proġetti taż-żejt tal-ġenerazzjoni tal-enerġija
In-Netherlands	EUR 0,7 miljun	Proġett taż-żejt midstream

L-Italja ġġustifikat l-appoġġ tagħha għar-raġuni li ma kienet teżisti l-ebda projbizzjoni fuq l-attività speċifika fiż-żmien tal-approvazzjoni, u l-politiki klimatiċi tagħha jippermettu tali appoġġ sa tmiem l-2025. Il-Ġermanja pprovdiet l-appoġġ tagħha biex tiżgura l-kompatibbiltà u l-konformità mal-impenji klimatiċi tagħha, b'mod partikolari l-perkors ta' 1,5 C. Franza indikat li dan l-appoġġ huwa konsistenti wkoll maċ-ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li fihom jista' jiġi pprovdut appoġġ għal tranżazzjonijiet relatati mal-fjuwils fossili, u b'mod partikolari, li t-tranżazzjonijiet jiżguraw li l-impjant tal-enerġija jibqa' f'kundizzjoni sikura u operazzjonali u jappoġġaw l-istabbiltà tal-grilja tal-pajjiż. Finalment, il-proġetti tan-Netherlands kienu ġġustifikati abbażi tal-eċċezzjoni tagħhom għal bastimenti u vetturi speċifiċi għas-servizzi ta' appoġġ għall-infrastruttura fossili eżistenti.

L-Istati Membri li qed jirrapportaw nnotaw li wettqu proċess ta' diliġenza dovuta għat-tranżazzjonijiet kollha, simili għal dak li użaw għal impatti soċjali u ambjentali oħra.

Minbarra dawn ir-restrizzjonijiet għas-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili, l-ECAs adottaw programmi ta' inċentivi għal tranżazzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima, minbarra t-termini massimi itwal ta' ripagament permessi skont il-Ftehim Settorjali dwar it-Tibdil fil-Klima tal-Arranġament. Pereżempju, xi ECAs joffru regoli ta' kontenut nazzjonali iktar flessibbli, bħal ammont massimu akbar ta' self, proporzjon akbar ta' kopertura, rata ta' primjum minima applikata b'mod prestabbilit jew rifużjoni ta' spejjeż ta' studju għal tranżazzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-klima.

Fid-dettall, kif definit fil-Ftehim Settorjali dwar it-Tibdil fil-Klima, fl-2025 ġew iffinanzjati 66 proġett fis-setturi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih minn disa' pajjiżi differenti, b'ammont totali ta' EUR 9 367,71 miljun (ħames darbiet iktar mill-valur tal-kreditu mogħti għal proġetti relatati mal-fjuwils fossili). Fost dawk il-proġetti, il-biċċa l-kbira tagħhom kienu relatati mal-enerġija rinnovabbli (44 tranżazzjoni għal valur tal-kreditu ta' EUR 5 671 miljun).

(d) Trattament ta' riskji ambjentali oħra:

Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u Diliġenza Dovuta Ambjentali u Soċjali tistabbilixxi prinċipji komuni għat-twettiq tad-diliġenza dovuta ambjentali u soċjali. L-Istati Membri kollha jaderixxu mar-Rakkomandazzjoni, li skontha jidentifikaw u jindirizzaw l-impatti u r-riskji potenzjali assoċjati mal-applikazzjonijiet għal appoġġ uffiċjali. Din ir-Rakkomandazzjoni tiddependi fuq standards stabbiliti sew bħall-Istandards ta' Prestazzjoni Ambjentali u Soċjali tal-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali, il-Linji Gwida Ambjentali, tas-Saħħa u tas-Sikurezza tal-Grupp tal-Bank Dinji, il-Politiki ta' Salvagwardja tal-Bank Dinji u l-Istandards Ambjentali u Soċjali tal-Bank Dinji. Ir-Rakkomandazzjoni tkopri kwistjonijiet ambjentali ewlenin, bħall-emissjonijiet tal-arja, inkluż l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-immaniġġjar tal-iskart, l-istorbju u l-vibrazzjonijiet, l-immaniġġjar tal-materjali perikoluži, l-impatti fuq l-ekosistemi, il-protezzjoni tal-bijodiversità, u l-użu sinifikanti tar-riżorsi naturali. Tinkludi wkoll rekwiżiti għall-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi, sabiex is-sidien tal-proġetti jkunu kapaċi jirrispondu għal aċċidenti u sitwazzjonijiet ta' emerġenza b'mod xieraq biex jiġu evitati u mitigati l-impatti ambjentali.

Il-politiki ta' diliġenza dovuta u l-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju tal-ECAs huma primarjament ibbażati fuq ir-Rakkomandazzjoni, anke jekk din għandha rwol mhux esklużiv u l-politiki huma infurmati minn standards oħra u mill-acquis tal-UE. L-Istati Membri kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jirrapportaw il-konformità mad-dimensjoni ambjentali tar-Rakkomandazzjoni, u li din hija parti integrali mis-sistemi tagħhom ta' diliġenza dovuta u mmaniġġjar tar-riskju u tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom. Il-proċeduri ta' valutazzjoni *ex ante* jiddependu fuq it-tip, id-daqs u l-kategorija ta' applikazzjoni partikolari għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Ir-riskji jiġu identifikati, klassifikati u evalwati, u jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq l-eliġibbiltà għal appoġġ. L-ECAs tal-UE kollha kkonfermaw li skrinjaw l-applikazzjonijiet kollha għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati bl-għan li jidentifikaw jekk għandux isir rieżami ambjentali.

Skont ir-Rakkomandazzjoni, l-ECAs huma meħtieġa jikklassifikaw dawk l-applikazzjonijiet, skont l-impatt ambjentali negattiv potenzjali, fi tliet kategoriji ta' riskju: għoli (Kategorija A), medju (Kategorija B) jew baxx (Kategorija C). Bosta Stati Membri jirrapportaw li japplikaw ir-Rakkomandazzjoni b'mod iktar wiesa' mill-ambitu tal-applikazzjoni. Dan jinkludi l-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha, inkluż dawk li fihom jappoġġaw sehem b'valur ta' inqas minn SDR 10 miljun, li fil-prinċipju ma jinqabdux fil-fażi tal-iskrinjar. L-Istati Membri jirrapportaw li saret Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u Soċjali (ESIA) f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Rakkomandazzjoni għall-applikazzjonijiet kollha tal-Kategorija A li l-ECA tkun ħadet impenn finali għalihom. Għall-applikazzjonijiet tal-Kategorija B, l-Istati Membri jirrapportaw li l-applikanti dejjem ipprovdew biżżejjed informazzjoni dwar l-impatti ambjentali rilevanti tal-proġett f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Rakkomandazzjoni. Qabel ma tittieħed deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ għal proġetti tal-Kategorija A jew B, l-ECAs kollha li ffinanzjaw tali proġetti rrapportaw li huma dejjem evalwaw l-informazzjoni li tirriżulta mill-iskrinjar u mir-rieżami tat-tranżazzjonijiet, permezz ta' rapport ta' diliġenza dovuta mwettaq jew minn korp indipendenti intern inkella minn konsulent estern, li l-opinjoni pożittiva tiegħu hija rekwiżit għall-ħruġ. L-informazzjoni rilevanti waslet permezz ta' rapporti tal-ESIA, iżda nġabret ukoll bis-saħħa tal-formoli ta' applikazzjoni u l-kwestjonarji tal-ECAs, ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, iż-żjarat fuq il-post, ir-riċerka mwettqa minn konsulenti esterni u l-kuntatti diretti mal-applikanti.

L-Iżvezja biss irrapportat li rrifjutat applikazzjoni għal proġetti tal-infrastruttura u tal-estrazzjoni, minħabba mmaniġġjar inadegwat tar-riskji rigward iż-żoni naturali protetti u l-komunitajiet tal-madwar jew ir-riskju li oġġetti esportati jintużaw f'territorji okkupati, kif

ukoll riskju għoli ta' korruzzjoni. L-Iżvezja rrapportat ukoll li rrifjutat proġetti oħra bħala mhux kompatibbli mal-politiki dwar il-fjuwils fossili. Barra minn hekk, tista' tokkorri nonkonformità minuri, bħal skadenzi mhux rispettati għas-sottomissjoni ta' informazzjoni jew ta' rapporti. Is-sitwazzjonijiet ta' nonkonformità jiġu solvuti fuq bażi ta' każ b'każ b'koordinazzjoni mal-isponsors tal-proġetti u xi drabi bl-appoġġ tal-ambaxxata tal-Istat Membru, billi jitfasslu azzjonijiet korrettivi u miżuri ta' mitigazzjoni li jiġu mmonitorjati maż-żmien, jew billi jiġi sospiż l-appoġġ jew irrifjutat l-indennizz, għalkemm dawn l-għodod tal-aħħar ma ntużawx matul il-perjodu ta' rapportar.

(e) Diliġenza dovuta soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem:

Minbarra d-dimensjoni ambjentali tagħha, mill-2012 ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-Approċċi Komuni stabbiliet prinċipji għat-twettiq tad-diliġenza dovuta soċjali. Tkopri l-impatti soċjali potenzjali ewlenin relatati mal-proġetti inkluż fir-rigward tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (eż. it-trattament ġust, id-diskriminazzjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv, l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema), is-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà tal-komunità (pereż. l-esponiment tal-komunità għall-mard, l-użu tal-persunal tas-sigurtà), l-akkwiżizzjoni tal-art u r-risistemazzjoni involontarja (eż. l-ispostament fiżiku, l-ispostament ekonomiku), l-involviment adegwat mal-komunitajiet milquta (eż. il-proċess infurmat ta' konsultazzjoni u ta' parteċipazzjoni, il-mekkaniżmu ta' lmentar), mal-popli indiġeni (eż. il-proċess ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat) u mal-wirt kulturali. Tkopri wkoll l-impatti ewlenin fuq id-drittijiet tal-bniedem relatati mal-proġetti, inkluż ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal, il-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-sitwazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali li jkunu ta' theddida għall-ħajja. Tingħata attenzjoni partikolari lill-gruppi vulnerabbli.

Il-prattiki ta' diliġenza dovuta rrapportati tal-ECAs huma simili għal dawk tar-riskji ambjentali. L-għoxrin Stat Membru kollha li qed jirrapportaw li jipprovdu appoġġ uffiċjali jindikaw il-konformità mad-dimensjoni soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-Approċċi Komuni, u li din tifforma parti integrali mit-teħid ta' deċiżjonijiet, id-diliġenza dovuta u s-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju tagħhom. Kollha kkonfermaw li skrinjaw l-applikazzjonijiet kollha bl-għan li jidentifikaw jekk għandux isir rieżami soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem. Huma rrapportaw li twettqet ESIA għall-applikazzjonijiet kollha tal-Kategorija A. B'rabta mal-applikazzjonijiet tal-Kategorija B, irrapportaw li l-applikanti dejjem ipprovdew biżżejjed informazzjoni biex jindirizzaw l-impatti rilevanti tal-proġett. L-Istati Membri jirrapportaw li, qabel ma tittieħed deċiżjoni biex jingħata appoġġ uffiċjali għal proġetti tal-Kategorija A jew B li jkollhom impatt potenzjali negattiv soċjali u fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ECAs tagħhom dejjem evalwaw l-informazzjoni li tirriżulta mill-iskrinjar u mir-rieżami, bl-istess mod bħal fir-rigward tar-riskji ambjentali.

L-Istati Membri ma rrapportawx sitwazzjonijiet ta' nonkonformità permanenti fil-proċessi ta' diliġenza dovuta soċjali u tad-drittijiet ta' bniedem matul l-2025, għajr għall-proġetti Żvediżi li ssemmew qabel (li wasslu għar-rifjut tal-proġetti). Xi ECAs irrapportaw li ffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' devjazzjonijiet minn azzjonijiet miftiehma u standards internazzjonali matul il-fażi ta' monitoraġġ ta' ċerti tranżazzjonijiet u daħħlu fis-seħħ miżuri fuq bażi ta' każ b'każ (bħall-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Korrettiva jew posponiment tal-iskadenzi għar-riżultati).

L-ECAs kollha minbarra tnejn għandhom proċess parteċipattiv ta' konsultazzjoni jew inkella mekkaniżmu ta' lmentar għall-komunitajiet affettwati mqar għall-proġetti ta' riskju għoli. Fil-każijiet kollha, l-isponsors tal-proġetti huma mitluba jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi

irrispettivament mill-involviment tal-ECAs. L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda lment lill-Kummissjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom għall-2025.

(f) Miżuri kontra t-tixħim:

L-Istati Membri kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jirrapportaw konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Din ir-Rakkomandazzjoni tinkludi miżuri għall-iskrinjar, it-twettiq tad-diliġenza dovuta, l-evalwazzjoni u d-deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà għall-appoġġ bl-għan li jitnaffar it-tixħim fil-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. B'mod partikolari, dan ifisser il-verifika li l-partijiet involuti fit-tranżazzjonijiet ma jkunux elenkati fil-listi ta' esklużjoni tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Multilaterali.

(g) Prattiki ta' self sostenibbli:

L-Istati Membri kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jirrapportaw il-konformità tagħhom mar-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Prattiki ta' Self Sostenibbli u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. Ir-Rakkomandazzjoni tipprova tiżgura li l-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ta' pajjiżi b'introjtu iktar baxx jiġi mobilizzat mingħajr ma dawk il-pajjiżi jakkumulaw dejn eċċessiv fil-futur. L-aderenza mar-Rakkomandazzjoni timxi id f'id ma' aderenza mill-qrib mal-politiki tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) dwar il-kundizzjonalità fuq il-limiti tad-dejn għal self meħud mhux aġevolanti, u fir-rigward ta' self mogħti sostenibbli. Skont ir-Rakkomandazzjoni, l-aderenti qablu wkoll dwar miżuri importanti ta' trasparenza li jinkludu l-informazzjoni lill-Bank Dinji u lill-FMI. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn huma parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju kumplessivi tal-pajjiżi li jaffettwaw il-politiki ta' kopertura tal-pajjiżi tal-ECAs.

(h) Informazzjoni oħra li tinsab fir-Rapporti Annwali tal-Attività:

L-Istati Membri jirrapportaw li jieħdu ħsieb li jiżguraw li l-ECAs joperaw bl-iktar mod trasparenti possibbli filwaqt li jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva għan-negozju. Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-Approċċi Komuni, il-proċedura armonizzata fl-UE kollha hija d-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni dettaljata għal proġetti li jistgħu potenzjalment ikollhom impatti ambjentali jew soċjali negattivi. L-ECAs dejjem iddivulgaw l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikoli 39 u 41 tar-Rakkomandazzjoni, jiġifieri l-informazzjoni *ex ante* rilevanti għal proġetti tal-Kategorija A, inkluż l-ESIAs, u l-informazzjoni *ex post* għall-proġetti appoġġati kollha tal-Kategorija A u B, permezz ta' paġni apposta fuq is-siti web tagħhom, li ssir referenza għalihom fl-Anness II.

Ħafna ECAs tal-UE għandhom politika ta' responsabbiltà soċjali korporattiva li tipikament tinvolvi mhux biss l-isforzi interni iżda wkoll djalogu mill-qrib mal-klijenti tal-ECA. F'dan il-kuntest, l-ECAs qed jevalwaw dejjem iktar il-prattiki tagħhom stess u qed jiżviluppaw pjanijiet biex inaqqsu l-impatt ambjentali tagħhom stess, inkluż l-istimi tal-impronta tal-karbonju.

4. Konformità tal-ECAs mal-objettivi u mal-obbligi tal-Unjoni:

L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jelenka l-objettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea; l-Artikolu 21 jistabbilixxi l-prinċipji u l-objettivi tal-Azzjoni Esterna tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 5 tat-TUE, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni Ewropea "għandha tikkontribwixxi […] għall-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett

sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti". Fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, issir referenza għall-prinċipji u għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 206 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar jekk l-Istati Membri jkunux konformi mal-objettivi u mal-obbligi tal-UE meta jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Il-Kummissjoni għamlet ir-rieżami annwali tagħha f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Għaldaqstant, ir-rieżami tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq ir-Rapporti Annwali tal-Attività sottomessi mill-Istati Membri u ma jistax jitqies bħala eżawrjenti.

Il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni disponibbli tipprovdi evidenza li l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fl-UE jikkonformaw mal-Artikoli 3 u 21 tat-TUE. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD jipprovdu qafas għall-immaniġġjar tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri. Barra minn hekk l-Istati Membri jistabbilixxu l-politiki tagħhom stess abbażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet u skont l-objettivi tal-UE. L-Istati Membri qed idaħħlu fis-seħħ ukoll firxa ta' politiki biex jappoġġaw it-tranżizzjoni klimatika u jnaqqsu l-appoġġ għal proġetti tal-fjuwils fossili filwaqt li jżidu l-appoġġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni tappoġġa progress ulterjuri f'dan il-qasam, inkluż it-tisħiħ ulterjuri tal-impenji tal-Istati Membri rigward l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili. Fir-rigward tal-konformità mal-obbligi internazzjonali u dawk skont id-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE, ma kien hemm l-ebda tilwima rigward l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni ta' Stat Membru tal-UE għall-2025 fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Kummissjoni ma rċeviet ebda lment rigward ksur potenzjali tar-regolamentazzjoni tal-UE li tinvolvi l-ECAs.